MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 115/2006

**Rikors numru 115/06 DM**

**Fiona Cachia Busietta (ID 724761 M)**

**Vs**

**Simon Grech (ID 137967 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors illi din l-azzjoni qeghdha ssir ai termini ta' l-Artikolu 283 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Illi l-esponenti gie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru odjern ftit jiem ilu, wara li dan gie pprezentat fis-7 ta' April, 2006 ;

Illi l-esponenti kien sorpriz meta gie nfurmat mill-Banek b' dan il-Mandat, u minn investigazzjoni li huwa ghamel, irrizultalu li kien hemm Sentenza tat-Tribunal Gal Talbiet Zghar fl-ismijiet (Avv Nru. 2229/04 RFA) Fiona Cachia

Busietta vs Simon Grech (ID: 137937 M), liema kawza giet deciza fil-kontumacja tal-konvenut fis-16 ta’ Novembru 2005, u li kopja taghha tinsab annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok A ;

Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi huwa mhux il-persuna li kontra taghha giet deciza l-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi, stante illi ghalkemm huwa jismu wkoll Simon Grech, huwa d-detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 137967 M, kif citat fil-Mandat ta’ Sekwestru odjern, izda mhux tal-karta ta’ l-identita’ bin-nurmu 137937 M kif jirrizulta fl-okkju tas-Sentenza hawn fuq citata ;

Illi ghalhekk, l-esponeneti jissottometti bl-ikbar rispett illi ma tezistix raguni fondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex kellu jsoffri l-effett ta’ Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv kontra tieghu stante li ma tezisti ebda Sentenza fil-konfront tieghu, u ghalhekk in-nuqqas ta’ kawzali ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv ghandu jgib in-nullita’ tal-Mandat Odjern u ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-istess Mandat, u ai termini ta’ l-Artikolu 282 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-esponenti qieghed jirrizerva d-drittijiet tieghu ghall-azzjoni ta’ danni kontra l-intimata ;

Illi ghal kull buon fini, l-esponenti jirrileva bir-rispett illi huwa lanqas biss gie notifikat bil-Mandat *de quo*, u fil fatt sar jaf bih meta l-Banek ffrizawlu l-kontijiet, u dan ghaliex huwa ma jahdimx mall-Marsovin Ltd, The Winery, Marsa, fejn jidher mill-Atti processwali li gie ‘‘notifikat legalment’’, izda li huwa jahdem mall-Marsovin (Sales & Distribution) Ltd, kumpanija differenti, f’ Hal Far, u ghaldaqstant qieghed jirrizerva wkoll id-drittijiet tieghu skond il-Ligi biex jikkontesta l-pretensjoni tal-mittenti ;

Rat id-dokumenti esibiti :

Rat l-atti tal-processi allegalit ;

Semghet lir-rikorrent ;

Semghet it-trattazzjoni tar-rikors ; u

Ikkonsidrat: -

Illi rrizulta li r-rikorrent konvenut fl-avviz numru 2229/04 RFA deciz fis-16 ta’ Novembru, 2005 fl-ismijiet Fiona Cachia Busietta vs Simon Grech, ghandu karta ta’ l-identita’ bin-numru 137967 M u hekk gie citat fl-imsemmi avviz u dan huwa n-numru moghti ukoll fil-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni;

Izda b’ izvista fis-sentenza originali tieghu, il-gudikatur tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar kien indika ironjament in-numru 139737 M bhala karta ta’ l-identita’ tal-konvenut debitur;

Izda fin-nuqqas ta’ ebda rikors tal-korrezzjoni ta’ l-izball evidenti kemm hu evidenti il-mandat ta’ sekwestru jried bilfors isegwi dettaljatament it-titolu ezekuttiv f’ dan il-kaz is-sentenza u ghalhekk il-kreditrici ma’ setghetx tindika fil-mandat numru ta’ identita’ differenti minn dak iffissat fis-sentenza.

Ghalhekk tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------